MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## NATASHA GALEA SCIBERRAS

Seduta tat-28 ta' April, 2014

Numru 418/2014

**Il-Pulizija**

**(Spettur Frankie Sammut)**

**vs**

**Willton Gatt**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat Willton Gatt ta' 18-il sena, iben missier mhux maghruf u Michelle nee` Gatt, imwieled il-Pieta` nhar id-29 ta' Dicembru 1995, residenti St. Andrew Court, Flat 3, Triq l-Ghakrux, Zabbar u detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 20896(M):

Akkuzat talli:

1) fil-lejl ta' bejn it-22 ta' April 2014 u t-23 ta' April 2014, fl-inhawi ta' Haz-Zabbar, ikkommetta serq ta' oggett u cioe` vettura tal-ghamla Hyundai Accent, bin-numru ta' registrazzjoni LAE 395, liema serq, li sar ghad-detriment ta' Steven Zerafa minn Haz-Zabbar u/jew persuni ohra, huwa kkwalifikat bil-valur li jammonta ghal aktar minn €116.57, imma mhux aktar minn €2,329.37, bil-hin, bil-lok u bix-xorta tal-haga misruqa;
2) U aktar talli fl-istess perjodu ta' zmien u cirkostanzi xjentement laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentement, b'kull mod li jkun indahal sabiex ibieghhom jew imexxiehom u cioe` vettura tal-marka Hyundai Accent, bin-numru ta' registrazzjoni LAE 395, liema serq sar ghad-detriment ta' Steven Zerafa minn Haz-Zabbar, liema oggett gej mis-serq ikkwalifikat bil-valur li jammonta ghal izjed minn €116.57, imma mhux aktar minn €2329.37;

3) U aktar talli fl-istess perjodu ta' zmien u cirkostanzi ghamel uzu minn vettura tal-ghamla Hyundai Accent, bin-numru ta' registrazzjoni LAE 395, minghajr ma kellu licenzja mahruga f'ismu mill-Kummissarju tal-Pulizija jew xi awtorita` kompetenti;

4) U aktar talli fl-istess perjodu ta' zmien u cirkostanzi ghamel uzu minn vettura ta' l-ghamla Hyundai Accent, bin-numru ta' registrazzjoni LAE 395 minghajr ma kien kopert b'polza ta' assigurazzjoni;

5) U aktar talli fl-istess perjodu ta' zmien u cirkostanzi ghamel uzu minn vettura tal-ghamla Hyundai Accent b'numri ta' registrazzjoni AAN 017 li ma kienux assenjati ghall-imsemmija vettura mill-awtorita` kompetenti.

Rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti;

Rat illi l-Ufficjal Prosekutur iddikjara illi t-tieni imputazzjoni inghatat bhala alternattiva ghall-ewwel imputazzjoni;

Rat illi waqt l-ezami tieghu ai termini tal-Artikoli 370(4), 390(1) u 392 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, l-imputat wiegeb illi huwa ma kellux oggezzjoni sabiex il-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u li huwa hati tal-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu, liema ammissjoni giet ikkonfermata mill-istess imputat wara li l-Qorti a tenur tal-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, avzatu bil-konsegwenzi legali ta’ dik l-ammissjoni u kkoncedietlu zmien bizzejjed biex jerga’ jikkonsidra t-twegiba u jerga’ lura minnha;

Rat ukoll il-kunsens tal-Avukat Generali ai termini tal-Artikolu 370(4) tal-Kap. 9, sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja;

Semghet trattazzjoni tal-partijiet dwar il-piena.

**Ikkunsidrat:**

Illi fid-dawl tal-ammissjoni tal-imputat u a bazi tal-atti ta’ dawn il-proceduri, il-Qorti ma tistax hlief issib lill-imputat hati tal-ewwel, it-tielet, ir-raba’ u l-hames imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu, b’dan illi fir-rigward tal-ewwel imputazzjoni u cioe` dik ta’ serq ikkwalifikat bil-valur, bil-hin, bil-lok u bix-xorta tal-haga misruqa, minkejja l-ammissjoni tal-imputat, il-Qorti ma tistax issib htija dwar l-aggravju tal-lok ai termini tal-Artikolu 269 tal-Kap. 9. Dan ghaliex jirrizulta car mill-okkorrenza prezentata mill-Prosekuzzjoni (Dok. FS1) illi dan is-serq sehh minn quddiem ir-residenza temporanja tal-parti leza u illi fit-triq tal-

istess residenza, kien hemm ukoll residenza ohra, proprjeta` ta' terza persuna. Ghalhekk ma jistax jinghad illi s-serq sehh minn xi wiehed mill-postijiet imsemmija fl-Artikolu 269 tal-Kap. 9.

Ai fini ta' piena, l-Qorti qieset illi r-*res furtiva* giet ritornata lill-parti leza, kif ukoll illi l-imputat ikkopera bis-shih mal-pulizija waqt l-investigazzjoni taghha, tant illi bis-sahha tieghu, l-pulizija waslu wkoll ghall-persuni ohrajn li kienu nvoluti f'dan il-kaz. Il-Qorti qieset ukoll l-ammissjoni bikrija tal-imputat f'dawn il-proceduri, kif ukoll il-fedina penali netta tal-istess imputat. Qieset ukoll is-sottomissjonijiet tal-partijiet dwar il-piena, fis-sens illi fic-cirkostanzi tal-kaz, piena karcerarja effettiva ma tkunx idonea u li l-piena ghandha tinzamm fil-minimu taghha.

Il-Qorti kkunsidrat ukoll illi jkun ghaqli illi in vista tal-eta` tenera tal-imputat u tal-fatt illi l-fedina penali tieghu hija wahda netta, l-imputat jigi segwit minn Ufficjal tal-*Probation*. Biss fir-rigward tal-imputazzjonijiet ghar-reati taht il-Kapitoli 65 u 104 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti hija prekluza milli tapplika d-disposizzjonijiet tal-Kap. 466 u ghaldaqstant qed tinfliggi piena ta' multa fil-minimu taghha.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat l-Artikoli 17, 261(c), (e), (f) u (g), 267, 269, 270, 271, 279(a), 280(1), 334 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Artikoli 15(1)(a) u (1A) tal-Kap. 65 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Artikoli 3(1), (2)(a) u (2A) tal-Kap. 104 tal-Ligijiet ta' Malta, qed issib lill-imputat hati tal-ewwel, it-tielet, ir-raba' u l-hames imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu, b'dan illi fir-rigward tal-ewwel imputazzjoni mhux qed issib lill-imputat hati tal-aggravju tas-serq bil-lok, izda tal-aggravji kollha l-ohrajn imsemmija fl-istess imputazzjoni, u fir-rigward tal-ewwel imputazzjoni, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 7 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta, qed tqieghed lill-hati taht **Ordni ta' *Probation* ghal zmien sentejn mil-lum**, bil-kondizzjonijiet kontenuti fl-istess

Ordni hawn annessa, liema Ordni ghandha tifforma parti integrali minn din is-sentenza.

Fir-rigward tat-tielet, ir-raba' u l-hames imputazzjonijiet, il-Qorti qed tikkundanna lill-hati ghal piena ta' **multa ta' elfejn u erba' mitt Euro (€2,400)** li, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta tista' tithallas b'rati mensili u konsekuttivi ta' hamsa u sebghin Euro (€75), bl-ewwel pagament isir mhux izjed tard minn xahar mid-data ta' din is-sentenza. Izda jekk il-hati jonqos illi jhallas pagament wiehed, il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi kkonvertit fi prigunerija ta' gurnata habs ghal kull hamsa u tletin Euro (€35) jew parti minnhom dovuti.

In oltre ai termini tal-Artikolu 3(2A) tal-Kap. 104, il-Qorti qed tordna l-iskwalifika tal-hati milli jikseb licenza tas-sewqan ghal zmien ta' tnax-il xahar mid-data ta' din is-sentenza.

Fir-rigward tat-tieni imputazzjoni, stante illi kif inghad izjed il'fuq, din inghatat bhala alternattiva ghall-ewwel imputazzjoni, il-Qorti qed tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta' din l-imputazzjoni.

Il-Qorti wissiet lill-hati bil-konsegwenzi skond il-ligi jekk huwa jikkommetti reat iehor matul dan il-perjodu ta' *Probation* jew jekk jonqos illi jsegwi xi wahda mill-ordnijiet stipulati fl-Ordni tal-*Probation*.

Il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza tintbaghat lid-Direttur tas-Servizzi tal-*Probation* u *Parole.*

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------